PREMJU NAZZJONALI

FIL-QASAM TAD-DIMENSJA

# FORMOLA GĦAN-NOMINAZZJONI

# PREMJU NAZZJONALI FIL-QASAM TAD-DIMENSJA 2021

## PARTI A – INFORMAZZJONI U KUNDIZZJONIJIET

Il-Bord tal-Għażla għall-Premju Nazzjonali fil-Qasam tad-Dimensja 2021 qiegħed jilqa' n-nominazzjonijiet għal dan il-Premju. In-nominazzjoni trid issir fuq din il-formola, skont ir-regolamenti msemmija hawn taħt.

Il-formola trid tittieħed l-uffiċini tal-Ministeru għall-Anzjani u Anzjanita' Attiva, Zona 3, Triq in-Negozju, Mrieħel, Birkirkara, Malta. Il-formola tista' tinkiseb ukoll mill-email uffiċjali dementiaaward.msca@gov.mt jew minn fuq is-sit https://msca.gov.mt/ L-applikazzjonijiet jagħlqu fis-6 ta' Settembru 2021. Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

## 1. KUNĊETT TAL-PREMJU

Il-Premju huwa ċelebrazzjoni ta' ammont kbir ta' xogħol, impenn u dedikazzjoni meħuda fis-settur tad-Dimensja. Dan huwa avveniment annwali li ser ikun parti miċ-ċelebrazzjonijiet li jseħħu fix-xahar ta' Settembru li huwa ddedikat għad- Dimensja.

## 2. GĦAN

L-għan ta' dan il-premju huwa sabiex jiġu ċċelebrati l-kisbiet ta' individwi u organizzazzjonijiet li jgħixu d-dimensja u/jew jaħdmu man-nies bid-dimensja jew il-familjari tagħhom. Id-dmir tal-Gvern huwa li jesprimi l-apprezzament tiegħu lejn kull min qiegħed jgħix, jaħdem jew jippromwovi biex tonqos l-istigma u tiżdied l-edukazzjoni fuq id-dimensja.

## 3. KATEGORIJI GĦAN-NOMINAZZJONI

| **Premju** | **Premju għall-Kontribut Eċċezzjonali fid-Dimensja** |
|---|---|
| **Eliġibilità** | *Persuna/i li tat jew taw kontribut eċċezzjonali fil-qasam tad-dimensja* |

**Kriterji tal-Evalwazzjoni:**

- Relevanza tan-nominazzjoni mal-kategorija tal-premju.
- Il-Premju ser ikun qiegħed juri l-impatt pożittiv li l-individwu/i ħalla jew ħallew fil-qasam tad-dimensja.
- L-individwi nnominati jridu juru u jiddiskrivu kif ħadmu b'passjoni għat-tisħiħ u l-*benessere* fil-qasam tad-dimensja.

| Premju | Premju *Carer* Informali |
|---|---|
| **Eliġibilità** | *Persuna li tieħu ħsieb xi familjari jew qarib li għandu d-dimensja* |

**Kriterji tal-Evalwazzjoni:**

- Relevanza tan-nominazzjoni mal-kategorija tal-premju.
- Il-Premju ser ikun qiegħed juri l-impatt pożittiv li l-individwu ħalla fuq il-persuni bid-dimensja li jgħin jew jieħu ħsieb.
- L-individwi nnominati jridu juru u jiddeskrivu kif il-personalità u l-enerġija tagħhom għamlu differenzi memorabbli u ta' ispirazzjoni, fl-ambjent iffokat fuq id-dimensja. Dawn il-persuni jippromwovu kura eċċellenti għan-nies bid-dimensja, serħan il-moħħ għall-familjari u ambjent tax-xogħol kuntent.

| Premju | Premju Professjonist/<br>Tim fil-Qasam tad-Dimensja |
|---|---|
| **Eliġibilità** | *Persuna/i li taħdem/ jaħdmu formalmentfil-qasam tad-dimensja* |

**Kriterji tal-Evalwazzjoni:**

- Relevanza tan-nominazzjoni mal-kategorija tal-premju.
- Il-Premju ser ikun qiegħed juri l-impatt pożittiv li l-individwu/i ħalla jew ħallew fil-qasam tad-dimensja.
- L-individwi nnominati jridu juru u jiddiskrivu kif il-professjonist/i jew tim wera livell għoli ta' ħiliet, għarfien u tmexxija fil-qasam tad-dimensja. Iridu juru wkoll kif fil-ħidma tagħhom huma appoġġjaw il-kollegi tagħhom fit-twassil ta' kura ta' kwalità għolja, bla periklu u bla xkiel, fi sptar jew fil-komunità, kif iffaċilitaw it-taħriġ tal-istaff, kif użaw għodod kliniċi jew akkademiċi fil-qasam tad-dimensja, biex b'hekk jiżviluppaw mogħdijiet ta' kura li tiffoka fuq il-persuna bid-dimensja u l-familjari u qraba tagħha. Dawn jinkludu attivitajiet li jtejbu l-għejxien ta' kuljum u t-titjib fil-qasam tad-dimensja.

## 4. KUNDIZZJONIJIET GĦAD-DĦUL TAL-PREMJU

- F'kull kategorija tal-premju, l-ebda persuna ma tista' tkun innominata u issekondata minnha nnifisha.
- Kull nominazzjoni trid tkun ippreżentata fil-ħin. Nominazzjonijiet li jaslu tard mhux ser ikunu kkunsidrati.
- Impjegati imħallsin ma jistgħux jinnominaw l-organizzazzjoni tagħhom.
- Id-deċiżjoni finali ta' min jirċievi l-premjijiet hija prerogattiva tal-Bord tal-Għażla.
- Il-Bord jista' jitlob biex jiltaqa' mal-persuni nnominati.
- Kull dettall personali ppreżentat lill-Bord ser ikun trattat b'kunfidenzjalità; iżjed informazzjoni tinstab f'punt 5.
- Nominazzjonijiet għal iżjed minn kategorija waħda iridu jimtlew fuq formoli separati.
- In-nominazzjonijiet jagħlqu fil-**6 ta' Settembru 2021.**
- Kull nominazzjoni għandha turi li l-persuna nnominata għandha l-kwalifiċi meħtieġa biex tikkonkorri.
- Trid tiġi mehmuża kopja tad-dokumenti uffiċjali ta' identifikazzjoni tal-persuna/innominata/i u ta' min qiegħed jinnomina u jissekonda din il-persuna.
- Għandhom jingħataw id-dettalji tal-kwalitajiet li fuqhom tkun ibbażata n-nominazzjoni.
- Il-persuni nnominati ma jistgħux jiktbu huma stess il-motivazzjoni/ħidmiet li jkunu għamlu.
- Il-formola trid tkun iffirmata mill-persuna nnominata u minn min qiegħed jipproponi u jissekonda lill-persuna imsemmija.
- Jekk għandek bżonn xi għajnuna biex timla' din l-applikazzjoni, tista' ċċempel fuq in-numru tat-telefon: 25903058.

## 5. INFORMAZZJONI FUQ L-APPLIKAZZJONI

**Il-persuni li jiffirmaw dan id-dokument qegħdin juru li:**

- Qegħdin jipparteċipaw b'mod volontarju f'dan il-Premju.
- Qraw u fehmu x'tirrikjedi minnhom din l-applikazzjoni.
- Għandhom għarfien sħiħ li l-informazzjoni miġbura ser tintuża biss għall-iskop uniku ta' dan il-Premju.
- Konxji li l-applikazzjoni ser tinqered immedjatament wara li jintrebaħ il-Premju.
- Konxji li wieħed jista' jagħżel li jwaqqa' l-applikazzjoni fi kwalunkwe ħin, sa ġimgħa wara, li ġiet ippreżentata n-nominazzjoni u li m'hemmx bżonn li tingħata ġustifikazzjoni għal dan. F'dan il-każ, l-informazzjoni miġbura titħassar u ma tiġix inkluża fis-selezzjoni.

## PARTI B – DETTALJI DWAR IL-PERSUNA/I NNOMINATA/I

**ISEM TAL-PERSUNA/I NNOMINATA/I:**

______________________________________________

**NUMRU TAL-KARTÀ TAL-IDENTITÀ TAL- PERSUNA/I NNOMINATA/I:**

______________________________________________

**INDIRIZZ:**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**DATA TAT-TWELID TAL-PERSUNA/I NNOMINATA/I:**

__________/_________/_________

**TELEFON:**

____________________________

## PARTI Ċ – DETTALJI DWAR MIN QIEGĦED JINNOMINA U JISSEKONDA N-NOMINAZZJONI

**NOMINAZZJONI GĦALL-PREMJU:**

______________________________________________

**ISEM TA' MIN QIEGĦED JINNOMINA:**

______________________________________________

**NUMRU TAL-KARTÀ TAL-IDENTITÀ TAL-PERSUNA LI QIEGĦDA TINNOMINA:**

______________________________________________

**INDIRIZZ:**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**TELEFON:**

____________________

**FIRMA TA' MIN QIEGĦED JIPPROPONI:**

____________________

**ISEM TA’ MIN QIEGĦED JISSEKONDA:**

---

**NUMRU TAL-KARTÀ TAL-IDENTITÀ TAL-PERSUNA LI QIEGĦDA TISSEKONDA:**

---

**INDIRIZZ:**

---

---

---

**TELEFON:**

---

**FIRMA TA’ MIN QIEGĦED JISSEKONDA:**

---

## PARTI D - DIKJARAZZJONI MILL-PERSUNA/I NNOMINATA/I

**JIENA/AĦNA,**

______________________________________________________________

**NAĊĊETTA/W LI NKUN/U NNOMINATA/I GĦALL- PREMJU**

__________________________________________

**NRU. TAL-ID:** _______________

**FIRMA:** _________________________________

## PARTI E – DETTALJI DWAR IL-ĦIDMA - KWALITAJIET TAL-PERSUNA/I NNOMINATA/I

**BĦALA MOTIVAZZJONI TA' DIN IN-NOMINA, AĦNA QEDGĦIN NIPPREŻENTAW DAWN ID-DETTALJI DWAR IL-ĦIDMIET U L-KWALITAJIET TIEGĦU/TAGĦHA/TAGĦHOM. GĦALKEMM HAWN ISFEL HAWN L-ISPAZJU FEJN TIKTEB, NIPPREFERU LI D-DETTALJI DWAR IL-ĦIDMIET IKUNU ITTAJPJATI. NAPPREZZAW JEKK TIKTBU FIL-QOSOR:**

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________